Nru. 18,122
Prezz/Price
Lm1.28 (€2.98)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru, 2007
Friday, 7th September, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

No. 787

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF ELECTORAL COMMISSIONER

THE Permanent Secretary (Strategy and Operations) has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	09-12.09.2007

7th September, 2007

Nru. 788

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	5 - 14.9.2007

Is-7 ta' Settembru, 2007

GOVERNMENT NOTICES

Nru. 787

ĦATRA TA' AĠENT KUMMISSJONARJU ELETTORALI PRINĊIPALI

IS-SEGRETARJU Permanenti *(Strategy and Operations)* approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Mr George Saliba	Kummissjonarju Elettorali Prinċipali *Chief Electoral Commissioner*	Uffiċċju Elettorali *Electoral Office*	09-12.09.2007

Is-7 ta' Settembru, 2007

No. 788

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Noel Bartolo	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	5 - 14.9.2007

7th September, 2007

Nru. 789

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI REGOLAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 789

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL PUBLIC HEALTH REGULATION

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Natasha Azzopardi Muscat	Direttur Ġenerali - Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika *Director General - Public Health Regulation*	Saħħa *Health*	14 - 23.9.2007

Is-7 ta' Settembru, 2007

7th September, 2007

Nru. 790

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn Stima ta' l-Impatt Ambjentali
Avviż skond Artikolu 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' l-2007)

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skond il-lokalità u tinkludi n-numru ta' l-applikazzjoni, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* ta' l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt/EIA-Malta. Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt.

Sit f'Tal-Qanpiena, is-Siġġiewi	PA 7823/06

Outline application għall-bini ta' sbatax-il razzett u demmiela fis-Siġġiewi
Is-Sur Christopher Ciantar għall-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Site at Tal-Qanpiena, Siġġiewi	*PA 7823/06*

Outline application for the construction of seventeen farms and a manure clamp at Siġġiewi
Mr Christopher Ciantar on behalf of the Ministry for Rural Affairs and the Environment

Is-7 ta' Settembru, 2007

7th September, 2007

No. 790

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that Require an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana during office hours.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice. More information can be obtained from the MEPA website: www.mepa.org.mt/EIA-Malta. Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt.

Nru. 791

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
31. 08. 07	Lm6.78.3 (€15.80,0)	Lm0.13.0 (€0.30,3)
03. 09. 07	Lm6.88.1 (€16.02,8)	Lm0.13.3 (€0.31,0)
04. 09. 07	Lm6.88.9 (€16.04,7)	Lm0.13.3 (€0.31,0)
05. 09. 07	Lm7.00.8 (€16.32,4)	Lm0.13.6 (€0.31,7)
06. 09. 07	Lm6.96.8 (€16.23,1)	Lm0.13.5 (€0.31,4)

Is-7 ta' Settembru, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 93

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk, kif indikat in konnessjoni ma' l-*AirShow,* Ħal Luqa, nhar is-Sibt, it-22 ta' Settembru, 2007 u nhar il-Ħadd, it-23 ta' Settembru, 2007.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija, jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Luqa

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Settembru 2007 u nhar il-Ħadd, it-23 ta' Settembru, 2007 bejn il-5.00 a.m. u l-10.00 p.m. minn Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa u s-Siġġiewi, Triq tas-Sejba, l-Imqabba, Triq San Tumas, Ħal Luqa, triq magħrufa bħala tar-Robba quddiem ir-*roundabout* li tagħti għaż-Żurrieq fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Kirkop u t-tul kollu madwar il-*fence* li jdawwar l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u fejn hemm dħul ta' emerġenza lejn l-Ajruport.

Il-pubbliku huwa wkoll avżat li fid-dati u ħinijiet imsemmija, id-dħul għall-*Airshow* se jkun minn Triq Ħal Farruġ, Ħal Luqa, minn naħa ta' Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa,

No. 791

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

7th September, 2007

POLICE NOTICE

No. 93

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as 'Tow Zones' as indicated in connection with the Airshow, at Luqa, on Saturday 22nd September, 2007 and Sunday 23rd September, 2007.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Luqa

On Saturday 22nd September, 2007 and on Sunday 23rd September, 2007, from 5.00 a.m. to 10.00 p.m. through Triq Ħal Farruġ, Luqa and Siġġiewi, Triq tas-Sejba, Mqabba, Triq San Tumas, Luqa, the road known as Tar-Robba opposite roundabout leading to Żurrieq in Triq Valletta, Kirkop and along the entire fence surrounding the Malta International Airport and all emergency entrance gates leading to the Malta International Airport.

The public is also being notified that on the dates and times indicated above, the entrance to the Air Show shall be from Triq Ħal Farruġ, Luqa, from the direction of Triq Ħal

filwaqt li l-ħruġ mill-Ajruport għandu jkun lejn id-direzzjoni tas-Siġġiewi.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-Avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Settembru, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 94

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Settembru 2007 mill-4.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Settembru 2007 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Xgħajra, Felice, Strickland, San Lawrenz, is-Santwarju kantuniera ma' Xgħajra u l-Kbira.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Is-7 ta' Settembru, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 59 ta' l-2007

Maratona bil-Qlugħ - Il-Port ta' Marsamxett

Il-Vikings Sailing Club se jorganizza maratona ta' 32 siegħa ta' tbaħħir bil-qlugħ għal skopijiet ta' karità fil-Port ta' Marsamxett.

Jekk it-temp jippermetti, il-maratona se ssir ġewwa l-Port ta' Marsamxett. Il-maratona għandha titlaq mill-Vikings Sailing Club f'Xatt it-Tiben, il-Furjana, fl-10.00 a.m. tas-Sibt, 8 ta' Settembru, 2007, u tispiċċa fis-6.00 p.m. tal-Ħadd, id-9 ta' Settembru, 2007.

Il-baħħara għandhom jieħdu ħsieb dan l-avveniment, għandhom joqogħdu attenti meta jbaħħru u jżommu 'l bogħod mid-dgħajjes tal-qlugħ fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Chart affettwata: BA 177

Is-7 ta' Settembru, 2007

Qormi, Luqa and the exit from the Airport shall be towards the village of Siġġiewi.

Vehicles found in contravention of this Notice are subject to be towed.

7th September, 2007

POLICE NOTICE

No. 94

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żabbar

On Saturday, 22nd September 2007 from 4.00 p.m. onwards through Misraħ is-Sliem.

On Sunday, 23rd September 2007 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Xgħajra, Felice, Strickland, San Lawrenz, is-Santwarju corner with Xgħajra and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

7th September, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 59 of 2007

Sailing Marathon - Marsamxetto Harbour

The Vikings Sailing Club will be organizing a 32-hour sailing marathon for charity in Marsamxetto Harbour.

Weather permitting, the marathon will take place inside Marsamxetto Harbour. The marathon is due to commence from the Vikings Sailing Club at Hay Wharf, Floriana at 10.00 a.m. on Saturday, 8th September 2007 and end at 6.00 p.m. on Sunday, 9th September 2007.

Mariners are to note the above, navigate with caution and give the sailing boats a wide berth on the dates and times mentioned above.

Chart affected: BA 177

7th September, 2007

L-OGĦLA PREZZIJIET TA' ĦOBŻ TAL-MALTI

(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)

Ordni Nru. 1

Id-Direttur Ġenerali tal-Kummerċ jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom ħobż tal-Malti jista' jinbiegħ, b'seħħ mill-4 ta' Settembru, 2007, għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

Ħobż li jiżen 600 gramma (10% aktar jew inqas) *Loaves weighing 600 grams (plus or minus 10%)*	20c0 (€0.46,6) kull ħobża *20c0 (€0.46,6) per loaf*
Ħobż li jiżen 300 gramma (10% aktar jew inqas) *Loaves weighing 300 grams (plus or minus 10%)*	13c0 (€0.30,3) kull ħobża *13c0 (€0.30,3) per loaf*

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

Is-7 ta' Settembru, 2007

MAXIMUM PRICES OF MALTESE TYPE BREAD

(Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3)

Order No. 1

The Director General (Commerce) notifies that the maximum prices at which Maltese type bread may be sold, with effect from 4th September, 2007, shall, until further Order, be as follows:–

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

7th September, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda fl-Istatut

Ordni Nru. 1

Ngħarrfu b'dan illi l-Artikolu Nru. 2 tal-Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited ġie emendat. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fil-21 ta' Marzu, 2007, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-30 ta' Marzu, 2007
CB 34/79/35

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Statute

Order No. 1

It is hereby notified that Article No. 2 of Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited has been amended. The Co-Operatives' Board has duly registered it on the 21st March, 2007, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

30th March, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda fl-Istatut

Ordni Nru. 2

Ngħarrfu b'dan illi l-Artikolu Nru. 2 tal-Motor Towing Co-operative Ltd ġie emendat. Din l-emenda ġiet reġistrata

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Statute

Order No. 2

It is hereby notified that Article No. 2 of Motor Towing Co-operative Ltd has been amended. The Co-Operatives'

mill-Bord tal-Koperattivi fil-21 ta' Marzu, 2007, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-30 ta' Marzu, 2007
CB 34/79/35

Board has duly registered it on the 21st March, 2007, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

30th March, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda fl-Istatut

Ordni Nru. 3

Ngħarrfu b'dan illi l-Artikoli Nri. 4.3,4.4,5.4,5.1,7.3 u 9.2 tal-Malta Maritime Pilots Co-operative Society Ltd ġew emendati, filwaqt li Artikolu 4.31 ġie miżjud. Dawn l-emendi ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-21 ta' Marzu, 2007, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

It-30 ta' Marzu, 2007
CB 34/79/86

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Statute

Order No. 3

It is hereby notified that Articles Nos. 4.3,4.4,5.4,5.1,7.3 and 9.2 of the Malta Maritime Pilots Co-operative Society Ltd have been amended, while article 4.31 has been added. The Co-Operatives' Board has duly registered on the 21st March, 2007, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

30th March, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta'
***Systems Administrator* (*Managing Authority*)**
fid-Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar
u l-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Systems Administrator* (*Managing Authority*) fid-Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Systems Administrator (Managing Authority*) fid-Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Systems Administrator* (*Managing Authority*) matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of
Systems Administrator (Managing Authority)
in the Planning and Priorities Co-Ordination Division,
Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the position of Systems Administrator (Managing Authority) in the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister.

2. The selected candidate will enter into a three-year contract as Systems Administrator (Managing Authority) in the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister. Unsatisfactory performance as Systems Administrator (Managing Authority) during the contract period will lead to termination of the contract.

3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will

żżomm il-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sostantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha ma' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Systems Administrator* (*Managing Authority*) u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 5 (bħalissa Lm9,560 (€22,268.81). Għall-fini ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv li l-persuna magħżula tkun intitolata għaliha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

6.1 Minħabba n-natura tax-xogħol involut, il-persuna maħtura tkun intitolata għal *disturbance allowance* ta' 15% tas-salarju għal xogħol li jsir regolarment wara l-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' tiżdied sa 25% f'każi eċċezzjonali, u bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti *(Policy)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

6.2 Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet.

7. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Systems Administrator (Managing Authority)* fid-Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jinkludu:-

(a) Tiġbor u tanalizza ħtiġiet individwali u organizzattivi, tipproponi soluzzjonijiet inkuż fi *process reengineering* u taqleb speċifikazzjonijiet ta' sistemi fi ħtiġiet għal programmi;

(b) Tassigura proċeduri ta' *testing*, tikkordina *systems* u *parallel testing'*, tevalwa riżultati ta' *testing* b'mod kwalitattiv;

(ċ) Tassumi responsabbiltà għall-implementazzjoni ta' *policies* ġodda, tivverifika, tapprova u tmexxi l-iżvilupp u implementazzjoni ta' kejl ta' *benchmarks* utilizzati

retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her employment with the Office of the Prime Minister as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract

4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 5, he/she will be required to relinquish the duties of Systems Administrator (Managing Authority) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

5. The salary attached to the position of Systems Administrator (Managing Authority) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (currently Lm9,560 per annum (€22,268.81). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6.1 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased to up to 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary (Policy), Office of the Prime Minister.

6.2 A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Director General, Planning and Priorities Coordination Division.

7. The duties of Systems Administrator (Managing Authority) in the Planning and Priorities Co-Ordination Division, Office of the Prime Minister include:-

(a) Gathering and analyzing user and institutional requirements, proposing business solutions, including process reengineering, and translating systems specifications into programming requirements;

(b) Ensuring suitable application test procedures, coordinating system and parallel testing, evaluating test results and quality assurance testing;

(c) Assuming leadership for the implementation of new policies, reviewing, approving, and directing the design and implementation of benchmarks measurements, and metrics

f'monitoraġġ u titjib ta' prattiċi relatati ma' l-amministrazzjoni ta' *Structural Funds Database;*

(d) Tinforma lill-*management* żviluppi fuq *issues* ta' riżorsi, kapaċità amministrattiva u riskji filwaqt li tintroduċi u tikkordina ppjanar f'kapaċità amministrattiva u azzjoni korrettiva;

(e) Tipprepara u tikkordina flimkien maċ-*Chief Information Officer*, pjanijiet ta' implementazzjoni tas-sistema, tibdil fis-sistema kif ukoll sigurtà ta' l-informazzjoni, *backup* u *recovery requirements*;

(f) Tippjana u tidderieġi taħriġ lill-persuni li jużaw id-*Database* għall-Fondi Strutturali kif neċessarju, billi tipprovdi sapport tekniku, tavża lill-persuni prinċipali li jużaw is-sistema kif ukoll tikkordina żvilupp ta' *online user manuals* u materjal ta' taħriġ; u

(ġ) Twettaq doveri oħrajn li jistgħu jiġu assenjati minn żmien għall-ieħor mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

8. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa, komparabbli fil-*Business* u *Computing*, *Computer Studies, Teknoloġija Informatika*, jew *Informatics*, jew xi qasam relatat, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta'

used for monitoring and improving practices related to the Structural Funds Database administration;

(d) Informing management of recurring or envisaged resource, capacity and secure risks, initiating and coordinating capacity planning and/or corrective action;

(e) Preparing and coordinating in liaison with the Chief Information Officer, system implementation plans, system enhancements as well as data security, backup, and recovery requirements;

(f) Planning and conducting training to users as necessary, providing technical support and advice to the system contact points as well as coordinating the development of online user manuals and training materials; and

(g) Carrying out other duties as may be determined from time to time by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division.

8. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of a recognized first degree or a recognized, appropriate, comparable qualification in business and computing, computer studies, information technology, or informatics or a closely related area of study plus three (3)

xogħol relevanti (li sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

9.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien ghal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sostantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

11.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

12.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni

years relevant work experience (one year of which should be in a management position);

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Articlen 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disabilit) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/ holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

12.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent

jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

12.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

12.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

13. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, 12, Triq San Pawl, Valletta VLT 2000.

15. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, 12, Triq San Pawl, Valletta, VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali ta' l-Ewropa) tal-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2007.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali ta' l-Ewropa) tal-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet huwa +356 2200 1141.

separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

12.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

12.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority to the receiving department as soon as available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

13. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

14. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister, 12, St Paul Street, Valletta VLT 2000.

15. Applications together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General (Planning and Priorities Coordination Division), Office of the Prime Minister, 12, Triq San Pawl, Valletta, VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 5th October 2007.

16. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 5th October 2007, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Planning and Priorities Coordination Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Planning and Priorities Coordination Division is +356 2200 1141.

17. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Divizjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ko-Ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u l-Prijoritajiet) tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-7 ta' Settembru, 2007

DIPARTIMENT TAL-PULIZIJA

Applikazzjonijiet għal Dħul fil-Kors ta' Taħriġ għal Kuntistabbli Rġiel u Nisa

Il-Kummissarju tal-Pulizija jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati rġiel u nisa għad-dħul f'kors ta' erba' xhur għal kuntistabbli fl-Akkademja tal-Pulizija. Matul iż-żmien li l-kandidati jkunu jattendu l-kors fl-Akkademja jitħallsu l-paga minima nazzjonali korrenti u nofs il-*bonus,* skond l-artikolu 29 tar-Regolamenti dwar Kundizzjonijiet ta' l-Impieg sakemm joħroġ ir-riżultat ta' l-eżamijiet finali mill-Akkademja tal-Pulizija.

2. Il-kandidati jridu jkunu:

(a) ikunu għalqu t-18-il sena sa l-aħħar ta' Ottubru, 2007;

(b) ikollhom ta' l-anqas *'pass'* fi grad ta' Ċ jew 5, f'mhux anqas minn 3 suġġetti f'livell Ordinarju; tnejn minnhom iridu jkunu fil-Malti u fil-lingwa Ingliża. Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti bl-ogħla u l-aktar kwalifiki;

Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità kompetenti skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni,

17. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, within seven (7) days.

7th September, 2007

POLICE DEPARTMENT

Applications for Admission to the Course of Training for Male and Female Police Constables

The Commissioner of Police invites applications from male and female candidates for admission to a four-month course for Police Constables at the Police Academy. During the time that the candidates are attending the course at the Academy they will receive the then current basic minimum wage and half the bonus in accordance with section 29 of the Conditions of Employment (Regulation) Act until the final examination result at the Academy for Criminal Justice is published.

2. Candidates must:

(a) be not less than 18 years of age by the end of October, 2007;

(b) possess 'pass' grades, C or 5, in not less than 3 subjects at Ordinary level; two of which must be Maltese and English Language. Preference will be given to applicants with higher qualifications;

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a

maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(ċ) medikament b'saħħithom f'kull rispett, fiżikament u mentalment, skond l-i*standard* mediku ta' saħħa fil-Korp biex ikunu jistgħu jaqdu d-doveri kollha ta' Pulizija;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb;

(e) ċittadini ta' Malta.

(f) dawk l-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni tar-riżultati fil-livell Ordinarju u/jew Avvanzat, jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa li jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data ta' l-intervista.

3. EFFIĊJENZA FIŻIKA/INTERVISTA/*TEST* MEDIKU

(a) Eżami mediku preliminarju:

(b) L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-*test* ta' Effiċjenza Fiżika, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skond l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-*Test* fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

1 *Mile Run*

Età	Irġiel	Nisa
18 - 31	10.30 min	12.30 min
32 +	11 min	13 min

Push-Ups (Repetizzjonijiet)

18 - 31	15	10
32 +	13	8

Sit-Ups (Repetizzjonijiet)

18 - 31	25	20
32 +	20	15

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-i*standard* minimu f'kull parti tat-*test* fl-Effiċjenza fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-*test* fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel *test* komplut.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista.

copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

(c) be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Force to be able to perform all Police duties;

(d) be of good moral character;

(e) be citizens of Malta;

(f) applicants who are waiting the publication of the results at ordinary and/or advanced level may apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

3. PHYSICAL EFFICIENCY/INTERVIEW/MEDICAL TEST

(a) Preliminary medical test:

(b) Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

1 Mile Run

Age	Males	Females
18 - 31	10.30 mins	12.30 mins
32 +	11 mins	13 mins

Push-Ups (Repetitions)

18 - 31	15	10
32 +	13	8

Sit-Ups (Repetitions)

18 - 31	25	20
32 +	20	15

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component, will be allowed to re-sit that one particular component, within a week from the first complete component.

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the selective interview.

(ċ) intervista selettiva intiża biex ikunu magħrufa dawk il-kwalitajiet personali tal-kandidati, bħal personalità, żviltezza, intelliġenza, komportament personali, kortesija, sens komun, eċċ., meħtieġa minn Kuntistabbli tal-Pulizija;

(d) eżami mediku.

Il-kandidati li ma jgħaddux mill-intervista u/jew minn xi wieħed mill-eżamijiet mediċi ma jitħallewx jidħlu fil-kors ta' taħriġ.

4. Vakanzi jimtlew skond l-ordni ta' mertu finali fl-eżamijiet wara li jitlesta l-kors fl-Akkademja. L-ordni ta' mertu tibqa' tgħodd sa sentejn minn notifika tar-riżultati u dan sabiex ikunu jistgħu jimtlew vakanzi oħra eventwalment.

5. Il-kandidati li jintgħażlu u li diġà huma marbutin bi ftehim f'xi skema oħra ta' apprendistat ma jistgħux jidħlu f'din l-iskema jekk ma jġibux ċertifikat mill-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Taħriġ li jħollhom mill-ftehim ta' l-iskema ta' apprendistat ieħor.

6. Il-kandidati magħżula għall-kors, li jkunu magħrufa bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ, ikunu intitolati għall-għotja ta'uniformi b'xejn, u jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu prattika ta' xogħol fuq bażi ta' *shift* taħt sorveljanza, li jinkludi xogħol bil-lejl u/jew xogħol manwali kif meħtieġ. Parti mit-taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija jkun fuq bażi residenzjali.

7. Il-kandidati jkunu, anke matul il-perjodu ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija, soġġetti għad-dixxiplina kif kontemplat fl-Att dwar il-Pulizija, Kapitolu 164.

8. Il-perjodu ta' taħriġ ikun jikkonsisti f'kors tal-bidu ta' erba' xhur ta' taħriġ komprensiv, li matulhom il-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq taħriġ għandhom joqogħdu għal dawk il-korsijiet ta' studju, u għal dawk l-eżamijiet kif ikun mitlub fil-kors ta' taħriġ, skond ir-regolamenti ġodda tal-kors. L-imsemmi taħriġ komprensiv isir fl-Akkademja tal-Pulizija u/jew f'lokalitajiet u/jew postijiet oħra skond il-ħtieġa. Matul dan il-perjodu l-Kuntistabbli tal-Pulizija fuq Taħriġ ikunu evalwati prattikament u teoretikament minn żmien għal żmien. Kandidati li ripetutament ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell meħtieġ jista' jkollhom it-taħriġ tagħhom terminat f'kull żmien.

9. Applikanti li fid-data ta' għeluq ta' l-applikazzjoni jkollhom ċertifikati tal-*G.C.E.,* u/jew tal-Matrikola Lokali u/jew tas-*S.E.C*. f'livelli Ordinarji u/jew Avvanzati, u/jew ta' *Diploma* u/jew *Degree* maħruġ/a minn Università rikonoxxuta jiġu preferuti mill-Bord ta' l-Għażla kemm-il darba huma jissodisfaw il-pre-rekwiżiti l-oħra kollha ta' l-

(c) a selective interview designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, personal bearing, courtesy, common sense, etc., required of a Police Constable.

(d) medical test.

Candidates who fail in the interview and/or in any part of the medical tests will not be allowed to join the course of training.

4. Vacant posts will be filled according to the final order of merit in the examinations following the course at the Academy. The order of merit will continue to subsist for a period of 2 years from the notification of results in order to fill eventual vacancies.

5. Successful candidates who are already bound by an agreement of apprenticeship shall be precluded from proceeding further with the course, unless they obtain from the Employment and Training Corporation a certificate of their release from the agreement.

6. Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Police Constables, will be entitled to free issue of uniforms. They might be requested to do practical work on a shift basis, under surveillance, which assignment would include night work and/or manual work as necessary. Part of the training at the Police Academy may be on a residential basis.

7. Candidates will, even during the traineeship period at the Police Academy, be subject to discipline as contemplated for in the Police Act, Chapter 164.

8. The traineeship period at the Academy will consist of an initial four month comprehensive course of training, during which Trainee Police Constables will be required to follow such study courses and sit for such examinations as are laid down in the course of training, according to new course regulations. The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy and/or elsewhere as necessary. During this period Trainee Police Constables will be assessed practically and theoretically from time to time. Trainees who repeatedly fail to reach the required standards may have their training terminated at any time.

9. Candidates who on the closing date of applications, are in possession of G.C.E.,Matriculation and/or S.E.C. certificate at Ordinary and/or Advanced Level, and/or of a Diploma and/or Degree issued by a recognised University, over and above the requisites in 2, shall be given preference by the Selection Board provided that they satisfy all other

applikazzjoni skond dan l-avviż. It-tul ta' l-applikant ukoll jittieħed inkonsiderazzjoni mill-Bord ta' l-Għazla.

